Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu
Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

2023/0448(COD)

16.4.2025

EMENDI
262 - 650

Abbozz ta' rapport
Tilly Metz, Daniel Buda
(PE770.070v01-00)

Il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati

Proposta għal regolament
(COM(2023)0770 – C9-0446/2023 – 2023/0448(COD))

Emenda 262
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ*** huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, ***jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija.*** Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija ***li jkunu itwal minn 9 sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA,*** il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***l-attivitajiet ta' ħatt u tagħbija*** huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għalhekk, għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija***, il-perjodi ta' mistrieħ bil-ħatt u bit-tagħbija jenħtieġ li jiġu mminimizzati.*** Il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 263
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. ***Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar,*** minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 264
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk***,*** jenħtieġ li ***vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar,*** minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, ***il-vjaġġi*** jenħtieġ li ***jinżammu kemm jista' jkun qosra.*** Minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu ***dejjem*** sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 265
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament

Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***wisq waqfiet b'ħatt*** u ***b'tagħbija*** fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk***, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija.*** Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija ***li jkunu itwal minn 9 sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar,*** minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***ħatt*** u ***tagħbija*** fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija***, il-perjodi ta' mistrieħ bil-ħatt u bit-tagħbija jenħtieġ li jiġu mminimizzati.*** Minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 266
Cristina Maestre, Rosa Serrano Sierra, Elena Sancho Murillo, Alicia Homs Ginel

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***wisq waqfiet b'ħatt*** u ***b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll*** matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, ***jenħtieġ li vjaġġi*** twal ***ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija.*** Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat ***għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar***, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***l-ħatt*** u ***t-tagħbija*** matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, ***jenħtieġ li fil-vjaġġi*** twal ***jitnaqqsu kemm jista' jkun il-ħatt u t-tagħbija***. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta ***leġislazzjoni*** soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta ***leġiżlazzjoni*** soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

Or. es

Ġustifikazzjoni

L-EFSA tindika l-problemi li l-annimali jesperjenzaw waqt it-tagħbija u l-ħatt, iżda mingħajr ma tindika numru massimu ta' operazzjonijiet ta' tagħbija u ħatt. Lanqas mhu ġġustifikat li dawn il-waqfiet fejn isir ħatt u tagħbija tal-annimali ma jistgħux ikunu fil-punti ta' kontroll. Minħabba raġunijiet ta' konsistenza, ir-referenza għall-annimali ddestinati għat-tbiċċir għandha tiġi eliminata.

Emenda 267

Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***wisq waqfiet b'ħatt*** u ***b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll*** matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ***ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija***. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat ***għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar***, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li ***ħatt*** u ***tagħbija*** matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li ***t-tagħbija u l-ħatt fi*** vjaġġi twal ***jitnaqqsu kemm jista' jkun***. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 268
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn ***9*** sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn ***8*** sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 269
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat ***għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar***, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat ***għal kull trasport***, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 270
André Rodrigues

Proposta għal regolament
Premessa 38

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(38) L-opinjonijiet tal-EFSA	(38) L-opinjonijiet tal-EFSA

kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati.	kkonfermaw li wisq waqfiet b'ħatt u b'tagħbija fil-postijiet ta' kontroll matul il-vjaġġ huma ta' detriment għall-benesseri tal-annimali, billi jwasslu għal trattament addizzjonali tal-annimali, bi stress addizzjonali konsegwenti u b'riskju akbar ta' esponiment għal korriment u għal infezzjonijiet. Għalhekk, jenħtieġ li vjaġġi twal ma jinkludux aktar minn perjodu ta' mistrieħ wieħed b'ħatt u b'tagħbija. Għal vjaġġi bit-triq jew bil-ferrovija li jkunu itwal minn 9 sigħat għal skopijiet oħra għajr għall-iskarnar, minbarra l-aħħar parir xjentifiku mill-EFSA, il-perjodi massimi ta' sewqan u l-perjodi minimi ta' mistrieħ għas-sewwieqa fit-toroq previsti fir-Regolament (KE) Nru 561/2006[22] jenħtieġ li jitqiesu sabiex ikun hemm koordinazzjoni aħjar mal-ħinijiet tal-vjaġġ u mal-perjodi ta' mistrieħ tal-annimali ttrasportati. ***Xi speċijiet u/jew kategoriji ta' annimali jenħtieġ li jitħallew jistrieħu fil-vettura meta l-ħatt tagħhom għandu mnejn jikkomprommetti l-istatus ta' saħħithom, meta jiġu pprovduti kundizzjonijiet speċifiċi.***
[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.	[22] Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14.

Or. en

Emenda 271
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. ***Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.***	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 272
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. ***Skont il-parir*** xjentifiku ***tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali*** qabel ***ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati*** jenħtieġ li ***jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu***	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. ***Dettall eċċessiv fil-leġiżlazzjoni tal-UE jista' joħloq kumplessità bla bżonn u jnaqqas il-flessibbiltà fl-implimentazzjoni. Minflok miżuri preskrittivi riġidi, ir-rekwiżiti tat-trasport jenħtieġ li jiffukaw fuq l-iżgurar tal-benesseri tal-annimali permezz ta' standards ibbażati fuq l-eżitu. Filwaqt li l-parir*** xjentifiku ***jappoġġa ż-żieda fl-età minima*** u ***fil-piż tal-annimali*** qabel ***it-trasport biex tissaħħaħ ir-***

b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.	***reżiljenza tagħhom, id-dispożizzjonijiet regolatorji*** jenħtieġ li ***jippermettu soluzzjonijiet prattiċi u innovattivi li jiżguraw il-benesseri tal-annimali mingħajr ma jimponu limiti ta' żmien restrittivi żżejjed.***

Or. en

Emenda 273
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. ***Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk,*** jenħtieġ li ***dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal*** perjodu ***massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li*** l-annimali ***mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa***.	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. ***Il-ħin tal-vjaġġ għat-trasport bit-triq ta' għoġġiela, ħrief, gidien u ħnieżer mhux miftumin*** jenħtieġ li ***jikkonsisti f'massimu ta' żewġ partijiet, li kull waħda minnhom ma taqbiżx id-disa' sigħat. Wara l-ewwel 9 sigħat u jekk l-annimali ma jkunux laħqu l-post finali tad-destinazzjoni tagħhom, jenħtieġ li jkun hemm*** perjodu ***ta' mistrieħ ta' mill-anqas siegħa mingħajr ħatt u*** l-annimali ***għandhom jingħataw l-ilma u nutrizzjoni bħall-elettroliti jekk ikun xieraq filwaqt li jitqiesu l-ispeċijiet tal-annimal, il-ħtiġijiet fiżjoloġiċi tagħhom u r-regoli sanitarji;***

Or. en

Emenda 274
Emma Wiesner, Elsi Katainen, Christine Singer

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età ***u l-piż minimi*** ta' dawn l-annimali ***qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati*** jenħtieġ li ***jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport***. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età ***minima għat-trasport*** ta' dawn l-annimali jenħtieġ li ***tiżdied, sakemm is-saħħa tal-annimal ma tkunx tista' tiġi żgurata b'modi oħra***. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.

Or. en

Emenda 275
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-***	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport.

kundizzjonijiet xierqa.

Or. en

Emenda 276
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.***	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport.

Or. en

Emenda 277
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u ***jenħtieġ li jiġi*** żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u ***ma jiġix*** żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż

piż minimi ta’ dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. ***Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta’ 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali*** mhux miftumin ***jintemgħu b’mod effettiv b’ħalib jew b’sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa***.

minimi ta’ dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. ***B’konsegwenza ta’ dan, it-trasport ta’ annimali*** mhux miftumin ***ma huwiex permess***.

Or. en

Emenda 278
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f’konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta’ dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta’ ***8*** sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b’mod effettiv b’ħalib jew b’sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f’konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta’ dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta’ ***9*** sigħat***, wara pawża ta’ mhux inqas minn siegħa li matulha l-annimali jingħataw x’jixorbu u x’jieklu, qabel it-tieni perjodu ta’ trasport ta’ mhux aktar minn 9 sigħat,*** sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b’mod effettiv b’ħalib jew b’sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.

Or. fr

Emenda 279
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport***, b'mod partikolari sistema immunitarja aktar b'saħħitha***. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.

Or. en

Emenda 280
Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk,	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk,

jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.	jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib***, għalf b'elettroliti,*** jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.

Or. en

Emenda 281
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem fil-kundizzjonijiet xierqa.	(39) L-annimali mhux miftumin huma partikolarment vulnerabbli matul it-trasport u jenħtieġ li jiġi żgurat it-tmigħ tagħhom abbord f'konformità mal-ħtiġijiet tagħhom. Skont il-parir xjentifiku tal-EFSA, l-età u l-piż minimi ta' dawn l-annimali qabel ma jkunu jistgħu jiġu ttrasportati jenħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu aktar reżiljenti u idonei għat-trasport. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn l-annimali jiġu ttrasportati għal perjodu massimu ta' 8 sigħat sakemm ma tkunx fis-seħħ sistema abbord il-mezz tat-trasport li tippermetti li l-annimali mhux miftumin jintemgħu b'mod effettiv b'ħalib jew b'sostitut tal-ħalib fit-temperatura tal-ġisem ***jew b'elettrolit*** fil-kundizzjonijiet xierqa.

Or. en

Emenda 282
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li t-tmigħ adegwat għal annimali mhux miftumin huwa rekwiżit impenjattiv. L-annimali mhux miftumin iridu jintemgħu ħalib jew sostitut xieraq għall-ħalib speċifiku għall-ispeċi f'temperatura tal-ġisem f'kundizzjonijiet simili għat-tmigħ bil-ħalib naturali u b'intervalli li jipprevjenu l-bidu tal-ġuħ fit-tul. ***Jenħtieġ li s-sistemi ta' tmigħ jitfasslu sabiex jippermettu l-kunsinna tal-ħalib jew tas-sostitut tal-ħalib lil kull annimal abbord, bi ħtieġa minima għal intervent mill-attendenti jew mis-sewwieqa. Jenħtieġ li l-manutenzjoni tippermetti tindif u diżinfezzjoni xierqa sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ħalib. Jenħtieġ li s-sistema tat-tmigħ tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi u għat-tip ta' trasport li fih tkun maħsuba li tintuża. B'mod partikolari, meta l-annimali jiġu ttrasportati permezz ta' bastiment ro-ro, jenħtieġ li jitqiesu l-ispazju limitat madwar il-mezz tat-trasport u l-moviment tal-bastiment. Sabiex jiġi evitat l-iżvilupp ta' inkonsistenzi fis-sistemi ta' tmigħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova dawn is-sistemi fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika u teknika tal-effettività tagħhom tal-użu maħsub u tal-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi megħjuna wkoll f'dan il-kompitu mill-EFSA.***	(40) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li t-tmigħ adegwat għal annimali mhux miftumin huwa rekwiżit impenjattiv. L-annimali mhux miftumin iridu jintemgħu ħalib jew sostitut xieraq għall-ħalib speċifiku għall-ispeċi f'temperatura tal-ġisem f'kundizzjonijiet simili għat-tmigħ bil-ħalib naturali u b'intervalli li jipprevjenu l-bidu tal-ġuħ fit-tul.

Or. en

Emenda 283
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sophia Kircher, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) L-esperjenza ***bl-applikazzjoni*** tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 ***turi li t-tmigħ*** adegwat għal annimali mhux miftumin ***huwa rekwiżit impenjattiv.*** L-annimali ***mhux miftumin iridu jintemgħu*** ħalib ***jew sostitut xieraq għall-ħalib*** speċifiku għall-ispeċi f'temperatura tal-ġisem f'kundizzjonijiet simili ***għat-tmigħ bil-ħalib naturali u b'intervalli*** li jipprevjenu ***l-bidu tal-ġuħ fit-tul. Jenħtieġ li s-sistemi ta' tmigħ jitfasslu sabiex jippermettu l-kunsinna tal-ħalib jew tas-sostitut tal-ħalib lil kull annimal abbord, bi ħtieġa minima għal intervent mill-attendenti jew mis-sewwieqa***. ***Jenħtieġ li l-manutenzjoni tippermetti tindif u diżinfezzjoni xierqa sabiex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ħalib.*** Jenħtieġ li s-sistema tat-tmigħ ***tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi u għat-tip ta' trasport li fih tkun maħsuba li tintuża. B'mod partikolari, meta l-annimali jiġu ttrasportati permezz ta' bastiment ro-ro, jenħtieġ li jitqiesu l-ispazju limitat madwar il-mezz tat-trasport u l-moviment tal-bastiment. Sabiex jiġi evitat l-iżvilupp ta' inkonsistenzi fis-sistemi ta' tmigħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova dawn is-sistemi fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika u teknika tal-effettività*** tagħhom ***tal-użu maħsub u tal-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament***. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi megħjuna wkoll f'dan il-kompitu mill-EFSA.***	(40) L-esperjenza ***bl-implimentazzjoni*** tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 ***enfasizzat l-isfidi li jiġi żgurat tmigħ*** adegwat għal annimali mhux miftumin***.*** ***Dawn*** l-annimali ***jirrikjedu ħalib*** speċifiku għall-ispeċi ***jew sostituti tal-ħalib adatti*** f'temperatura tal-ġisem***, ipprovduti*** f'kundizzjonijiet simili ***li jimitaw*** tmigħ naturali u ***f'intervalli*** li jipprevjenu ġuħ ***fit-tul***. ***Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità, it-trasportaturi*** jenħtieġ li ***jkollhom flessibbiltà sħiħa biex jagħżlu*** s-sistema tat-tmigħ ***li tkun l-aktar adatta għall-ħtiġijiet tal-vettura u operazzjonali*** tagħhom.

Or. en

Emenda 284
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Maria Walsh, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(40) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li ***t-tmigħ adegwat għal annimali*** mhux miftumin ***huwa rekwiżit impenjattiv***. ***L-annimali mhux miftumin iridu jintemgħu ħalib*** jew ***sostitut xieraq għall-ħalib speċifiku għall-ispeċi f'temperatura tal-ġisem f'kundizzjonijiet simili għat-tmigħ bil-ħalib naturali u b'intervalli li jipprevjenu l-bidu tal-ġuħ fit-tul***. ***Jenħtieġ li s-sistemi ta' tmigħ jitfasslu sabiex*** jippermettu ***l-kunsinna tal-ħalib jew tas-sostitut tal-ħalib lil kull*** annimal ***abbord, bi ħtieġa minima għal intervent mill-attendenti jew mis-sewwieqa.*** Jenħtieġ li ***l-manutenzjoni tippermetti tindif u diżinfezzjoni xierqa sabiex*** tiġi ***evitata*** l-kontaminazzjoni ***tal-ħalib. Jenħtieġ li s-sistema tat-tmigħ tiġi adattata għaċ-ċirkostanzi u għat-tip ta' trasport li fih tkun maħsuba li tintuża. B'mod partikolari, meta l-annimali jiġu ttrasportati permezz ta' bastiment*** ro-ro***, jenħtieġ li jitqiesu l-ispazju*** limitat ***madwar il-mezz tat-trasport u l-moviment*** tal-bastiment***. Sabiex jiġi evitat l-iżvilupp ta' inkonsistenzi fis-sistemi ta' tmigħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova dawn is-sistemi fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika u teknika tal-effettività tagħhom tal-użu maħsub u tal-konformità mar-regoli stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi megħjuna wkoll f'dan il-kompitu mill-EFSA.***	(40) L-esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 turi li ***l-annimali*** mhux miftumin ***jeħtieġu ikel speċifiku għall-ispeċi; madankollu, fil-prattika, l-użu tal-ħalib*** jew ***tas-sostituti tal-ħalib matul it-trasport jista' joħloq kwistjonijiet ta' iġjene u jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni. Sabiex jiġu pprevenuti d-deidratazzjoni u l-iżbilanċi metaboliċi, huwa rrakkomandat li, matul it-trasport, l-annimali mhux miftumin jiġu pprovduti ilma arrikkit bl-elettrolit, soluzzjoni li tgħin biex jinżamm bilanċ ta' idratazzjoni u elettrolit. Is-sistemi tal-ilma tal-elettrolit iridu jkunu mfassla biex*** jippermettu ***li kull*** annimal ***ikollu aċċess għal ammont adegwat ta' likwidu b'intervent minimu mill-persunal u*** jenħtieġ li ***jkunu faċli biex jitnaddfu u jiġu ddiżinfettati ħalli*** tiġi ***pprevenuta*** l-kontaminazzjoni***. Speċjalment fit-trasport bil-baħar ro-ro, trid tingħata kunsiderazzjoni lill-ispazju*** limitat ***u lill-moviment*** tal-bastiment***, b'sistemi ta' tisqija adattati għal dawn il-kundizzjonijiet***.

Or. en

Emenda 285
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle

Proposta għal regolament
Premessa 40

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq ***wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi fuq ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport*** ta' annimali ***fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli. Għalhekk***, huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.	(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq ***huwa neċessità u t-trasport permezz ta' vetturi armati b'sistemi ta' ventilazzjoni għandu jingħata preferenza. F'każ li fih it-trasport*** ta' annimali permezz ta' vettura ***mgħammra b'sistemi ta' ventilazzjoni adegwati ma jkunx possibbli***, huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.

Or. fr

Emenda 306
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Sophia Kircher, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur ***importanti li għandu*** impatt fuq il-benesseri tagħhom. ***Il-kejl tat-temperaturi ta'*** ġewwa ***waqt it-trasport bit-triq wera li***	(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur ***li jista' jkollu*** impatt fuq il-benesseri tagħhom. Madankollu, ***it-temperatura*** ġewwa ***l-vettura trid tiġi kkunsidrata***

huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura ***fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi fuq ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta'*** annimali ***fi trakkijiet*** mgħammrin ***bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli. Għalhekk, huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati*** matul temperaturi estremi ***sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.***

f'każijiet ta' temperaturi estremi, meta t-trakk ikun mgħammar għar-regolazzjoni tat-temperatura***. Minħabba l-avvanzi teknoloġiċi, il-vetturi użati għat-trasport ta'*** annimali ***ħajjin jistgħu jkunu*** mgħammrin ***b'sistemi effiċjenti ta' tkessiħ u tisħin, li jippermettu ż-żamma tat-temperatura ġewwa l-kompartiment tal-annimali f'limiti ottimali għal kull speċi, irrispettivament mill-kundizzjonijiet klimatiċi esterni. Bl-użu ta' dawn it-teknoloġiji, tista' tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-benessri tal-annimali*** matul ***it-trasport, mingħajr ma xi Stat Membru tal-UE jkun żvantaġġat mill-kundizzjonijiet klimatiċi speċifiċi tar-reġjun. Għalhekk, it-trasport jista' jsir f'kundizzjonijiet uniformi ta' protezzjoni tal-annimali, filwaqt li jiġi żgurat li jiġi pprevenut l-esponiment għal*** temperaturi estremi ***u li jinżamm il-benesseri tal-annimali matul il-vjaġġ kollu.***

Or. en

Emenda 307
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. ***Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi fuq ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli. Għalhekk,*** huwa xieraq	(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. ***Għalhekk, jenħtieġ li titqies l-aktar previżjoni reċenti tat-temp meta jiġi ppjanat il-vjaġġ u jimtela l-ġurnal tal-vjaġġ filwaqt li jitqiesu t-temperaturi interni u esterni tal-vettura, irrispettivament minn jekk tkunx stazzjonarja jew mobbli***. Huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn ***jew*** li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-

li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn ***u, fl-aktar każijiet estremi,*** li l-annimali jitħallew jingarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li ***jtaffu*** l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.	lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li ***jnaqqsu*** l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali ***jew l-użu ta' sistemi ta' tishin u tal-arja kondizzjonata***.
	Or. en

Emenda 308
Emma Wiesner, Elsi Katainen

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi ***fuq*** ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli. Għalhekk, ***huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jingarru biss matul il-lejl***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.	(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi ***minn*** ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli. Għalhekk, ***il-vetturi użati għat-trasport jeħtiġilhom ikunu jistgħu jiżguraw l-aħjar temperatura għall-annimali ttrasportati irrispettivament mit-temperatura ta' barra***. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.
	Or. en

Emenda 309
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. Il-kejl ***tat-temperaturi ta'*** ġewwa ***waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju***. ***Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi fuq ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli***. Għalhekk, huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jingarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.	(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. ***Fl-istess ħin, jenħtieġ li jitqies*** il-kejl ***tat-temperatura*** ġewwa ***l-vetturi. Jekk it-temperatura ġewwa l-vettura*** tkun ***stabbli u tista' titkejjel b'mod affidabbli, din jenħtieġ li tiddetermina l-aċċettazzjoni tat-trasport u mhux it-tbassir tat-temp, li huwa kkaratterizzat minn livell aktar baxx ta' affidabbiltà u livell għoli ta' varjabbiltà fil-ħin*** u ***fl-ispazju***. Għalhekk, huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jingarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.

Or. en

Emenda 310
Carlo Fidanza, Sergio Berlato, Nicola Procaccini, Francesco Ventola

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur	(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur

importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi ***fuq*** ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli. Għalhekk, huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.	importanti li għandu impatt fuq il-benesseri tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi ***minn*** ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli. Għalhekk, huwa xieraq li l-ħinijiet tal-vjaġġi jiġu limitati matul temperaturi estremi sabiex jitnaqqas l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali. ***Fi kwalunkwe każ dawn l-indikazzjonijiet iridu jiġu bbilanċjati mal-evalwazzjoni tal-ispeċifiċitajiet klimatiċi fl-Istati Membri differenti u fi kwalunkwe każ iridu jqisu d-dispożizzjonijiet għat-trakkijiet.*** *(Huwa meħtieġ li jitqiesu l-bżonnijiet tal-ispeċi tal-annimali ttrasportata, l-adattament tal-annimali għall-kundizzjonijiet klimatiċi, l-iżolazzjoni u l-ventilazzjoni tal-mezzi tat-trasport.)*
	Or. it

Emenda 311
Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri	(42) It-temperatura esperjenzata mill-annimali matul it-trasport hija fattur importanti li għandu impatt fuq il-benesseri

tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura hija diffiċli peress li tiddependi ***fuq*** ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata ***jiswa l-flus u x'aktarx ma jkunx sostenibbli***. ***Għalhekk, huwa xieraq li l-ħinijiet*** tal-vjaġġi ***jiġu limitati*** matul temperaturi estremi sabiex ***jitnaqqas*** l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali.	tagħhom. Il-kejl tat-temperaturi ta' ġewwa waqt it-trasport bit-triq wera li huwa diffiċli u ma jippermettix faċilment li jittieħdu azzjonijiet ta' rimedju. Iż-żamma tal-limiti tat-temperatura fi ħdan vettura ***abbażi tas-sistemi ta' ventilazzjoni*** hija diffiċli peress li tiddependi ***minn*** ħafna fatturi, inklużi l-umdità u l-ispazju pprovdut abbord***, u ma tistax tkessaħ jew issaħħan l-arja b'mod attiv***. It-trasport ta' annimali fi trakkijiet mgħammrin bl-arja kondizzjonata huwa ***għalhekk għażla aħjar, minkejja li l-kost għal kull mezz tat-trasport għadu ma huwiex disponibbli***. Għalhekk, huwa xieraq li ***t-trasportaturi jingħataw għażla. Jew jillimitaw il-ħinijiet*** tal-vjaġġi matul temperaturi estremi sabiex ***inaqqsu*** l-esponiment tal-annimali għal dawn u, fl-aktar każijiet estremi, li l-annimali jitħallew jinġarru biss matul il-lejl. Barra minn hekk, jenħtieġ li jittieħdu wkoll miżuri li jtaffu l-effetti negattivi potenzjali tat-temperatura abbord, bħall-ftuħ tal-ventijiet tat-trakkijiet u l-għoti ta' aktar spazju lill-annimali. ***Jew, jiġu installati sistemi ta' kontroll tal-klima fil-mezz tat-trasport, li ma jimplika l-ebda restrizzjoni fuq il-ħinijiet tal-vjaġġ speċifiċi għal temperaturi estremi. Din l-għażla tqis ukoll dawk it-trasportaturi li diġà investew f'tagħmir aħjar biex itejbu l-benesseri tal-annimali.***
	Or. en

Emenda 312
Stefan Köhler, Jens Gieseke, Lena Düpont, Marion Walsmann, Christine Schneider, Norbert Lins, Alexandra Mehnert

Proposta għal regolament
Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) L-Unjoni Ewropea hija impenjata li tipproteġi u tippromwovi standards għoljin tal-benesseri tal-annimali. Dan l-

impenn jeżieġi sforz sinifikanti u ma għandux jiġi mminat permezz tat-trasport ta' annimali ħajjin lejn pajjiżi terzi fejn il-benesseri xieraq tal-annimali mhuwiex garantit. Ir-rispett lejn l-istandards tal-benesseri tal-annimali ma għandux jieqaf fil-fruntieri tal-UE. Għaldaqstant, il-pajjiżi terzi li jilqgħu annimali ħajjin mill-Unjoni Ewropea jeħtiġilhom jippreżentaw dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità tagħhom mal-linji gwida għall-benesseri tal-annimali fil-kummerċ internazzjonali stabbiliti mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH). F'każ ta' suspett raġonevoli ta' ħsara jew ta' theddida ta' ħsara lill-annimali, il-Kummissjoni Ewropea għandha l-awtorità li tniedi investigazzjoni. Jekk din l-investigazzjoni turi li l-linji gwida għall-benesseri tal-annimali ma ġewx osservati, il-Kummissjoni tista' tipprojbixxi b'mod temporanju t-trasport ta' annimali ħajjin lejn dak il-pajjiż terz.

Or. de

Emenda 313
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) Minbarra li jillimitaw il-firxa tat-temperatura matul it-trasport, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw pjanijiet kontra s-sħana biex iħejju għal azzjoni li għandha tittieħed biex jiġu protetti l-annimali matul il-mewġiet tas-sħana. Dawn il-pjanijiet kontra s-sħana jenħtieġ li jinkludu tnaqqis fl-ammont ta' annimali miżmuma fil-farms, billi jiġu stabbiliti restrizzjonijiet fuq it-tnissil qabel il-bidu tas-sajf, u l-implimentazzjoni ta' miżuri biex jipprevjenu l-okkorrenza ta' stress mis-sħana fl-annimali, billi titnaqqas il-

veloċità tal-iskarnar fil-biċċeriji sabiex jiġi limitat l-ammont ta' annimali li jaslu fil-biċċerija fl-istess ħin, jiġu stabbiliti ħinijiet massimi ta' stennija fil-biċċeriji, ventilazzjoni obbligatorja fil-vetturi kollha użati għat-trasport tal-annimali u jitwettqu kontrolli addizzjonali u adegwati matul mewġiet ta' sħana biex jiġi rrapportat ksur possibbli ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 314
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) Fil-każ ta' rekwiżiti biex jiġi żgurat l-ispazju minimu disponibbli għal kull annimal f'vettura, jenħtieġ li jinżammu r-regoli attwali tal-UE. Iż-żieda fl-erja minima tas-superfiċe tista' twassal għal multiplikazzjoni tat-trasport u konsegwentement għal żieda fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u fil-kostijiet tat-trasport. Barra minn hekk, iż-żieda fl-ispazju bejn jew fuq l-annimali tista' tikkawża problemi fiż-żamma ta' temperatura adegwata fil-vettura fix-xitwa u żżid ir-riskju ta' korriment, speċjalment matul l-ibbrejkjar, it-tidwir jew manuvri oħra.

Or. en

Emenda 315
Emmanouil Fragkos

Proposta għal regolament
Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) Iż-żieda fil-prezz li se tkun konsegwenza tar-Regolament fuq kull prodott, ikkalkulata fuq bażi annwali, se twassal għal żieda korrispondenti u ugwali fit-tariffi għal dawn il-prodotti minn pajjiżi terzi, għas-sena ta' wara.

Or. en

Emenda 316
Salvatore De Meo, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Premessa 42a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(42a) Dawn l-indikazzjonijiet iridu jiġu bbilanċjati mal-evalwazzjoni tal-ispeċifiċitajiet klimatiċi fl-Istati Membri differenti u fi kwalunkwe każ iridu jqisu d-dispożizzjonijiet għat-trakkijiet.

Or. it

Emenda 317
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) L-organizzaturi li jittrasportaw l-annimali lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jagħmlu evalwazzjoni ***tal-ewwel*** vjaġġ minn korp ta' ċertifikazzjoni sabiex jiddeterminaw il-kapaċità tal-organizzatur li jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz.	(43) L-organizzaturi li jittrasportaw l-annimali lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jagħmlu evalwazzjoni ***qabel*** l-ewwel vjaġġ minn korp ta' ċertifikazzjoni sabiex jiddeterminaw il-kapaċità tal-organizzatur li jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament sal-wasla tal-annimali fil-post tad-

Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur fir-rigward tat-trasport lejn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jevalwa regolarment il-vjaġġi lejn pajjiżi terzi organizzati mill-organizzatur bl-għan li jiddetermina li jibqa' jkollu l-mezzi sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkollhom l-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa, jipprovdu garanziji ta' indipendenza kontinwa mill-organizzaturi, mit-trasportaturi u minn kwalunkwe persuna jew entità oħra involuta fit-trasport jew fl-immaniġġjar tal-annimali matul it-trasport u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008[23].

destinazzjoni fil-pajjiż terz. Jenħtieġ li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jevalwa regolarment il-vjaġġi lejn pajjiżi terzi organizzati mill-organizzatur bl-għan li jiddetermina li jibqa' jkollu l-mezzi sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkollhom l-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa, jipprovdu garanziji ta' indipendenza kontinwa mill-organizzaturi, mit-trasportaturi u minn kwalunkwe persuna jew entità oħra involuta fit-trasport jew fl-immaniġġjar tal-annimali matul it-trasport u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008[23].

[23] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30–47

[23] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30–47

Or. en

Emenda 318
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(43) L-organizzaturi li jittrasportaw l-annimali lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jagħmlu evalwazzjoni ***tal-***	(43) L-organizzaturi li jittrasportaw l-annimali lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz jeħtiġilhom jagħmlu evalwazzjoni

ewwel vjaġġ minn korp ta' ċertifikazzjoni sabiex jiddeterminaw il-kapaċità tal-organizzatur li jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. ***Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur fir-rigward tat-trasport lejn pajjiżi terzi***. Jenħtieġ li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jevalwa regolarment il-vjaġġi lejn pajjiżi terzi organizzati mill-organizzatur bl-għan li jiddetermina li jibqa' jkollu l-mezzi sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkollhom l-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa, jipprovdu garanziji ta' indipendenza kontinwa mill-organizzaturi, mit-trasportaturi u minn kwalunkwe persuna jew entità oħra involuta fit-trasport jew fl-immaniġġjar tal-annimali matul it-trasport u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008[23].	***qabel*** l-ewwel vjaġġ minn korp ta' ċertifikazzjoni sabiex jiddeterminaw il-kapaċità tal-organizzatur li jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Jenħtieġ li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jevalwa regolarment il-vjaġġi lejn pajjiżi terzi organizzati mill-organizzatur bl-għan li jiddetermina li jibqa' jkollu l-mezzi sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkollhom l-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa, jipprovdu garanziji ta' indipendenza kontinwa mill-organizzaturi, mit-trasportaturi u minn kwalunkwe persuna jew entità oħra involuta fit-trasport jew fl-immaniġġjar tal-annimali matul it-trasport u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008[23].
[23] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30–47	[23] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30–47

Or. en

Emenda 319
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(43) ***L-organizzaturi li jittrasportaw l-annimali*** lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz ***jeħtiġilhom jagħmlu evalwazzjoni tal-ewwel vjaġġ minn korp ta' ċertifikazzjoni*** sabiex jiddeterminaw il-kapaċità tal-organizzatur li jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur fir-rigward tat-trasport lejn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jevalwa regolarment il-vjaġġi lejn pajjiżi terzi organizzati mill-organizzatur bl-għan li jiddetermina li jibqa' jkollu l-mezzi sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkollhom l-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa, jipprovdu garanziji ta' indipendenza kontinwa mill-organizzaturi, mit-trasportaturi u minn kwalunkwe persuna jew entità oħra involuta fit-trasport jew fl-immaniġġjar tal-annimali matul it-trasport u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008[23].	(43) ***L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-post tat-tluq jenħtieġ li tagħmel arranġamenti biex korp ta' ċertifikazzjoni jevalwa l-vjaġġ*** lejn post tad-destinazzjoni f'pajjiż terz sabiex jiddeterminaw il-kapaċità tal-organizzatur li jiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament sal-wasla tal-annimali fil-post tad-destinazzjoni fil-pajjiż terz. Jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jiġux issodisfati, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-organizzatur fir-rigward tat-trasport lejn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-korp taċ-ċertifikazzjoni jevalwa regolarment il-vjaġġi lejn pajjiżi terzi organizzati mill-organizzatur bl-għan li jiddetermina li jibqa' jkollu l-mezzi sabiex jikkonforma ma' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-korpi taċ-ċertifikazzjoni jkollhom l-għarfien u l-kwalifiki meħtieġa, jipprovdu garanziji ta' indipendenza kontinwa mill-organizzaturi, mit-trasportaturi u minn kwalunkwe persuna jew entità oħra involuta fit-trasport jew fl-immaniġġjar tal-annimali matul it-trasport u jenħtieġ li jiġu akkreditati mill-korpi nazzjonali ta' akkreditazzjoni stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 765/2008[23].
[23] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30–47	[23] Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30–47

Or. en

Emenda 320
Valérie Devaux, Benoit Cassart, Valérie Hayer

Proposta għal regolament

Premessa 43a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(43a) Huwa kruċjali li jiġi ssalvagwardjat mhux biss il-benesseri tal-annimali iżda wkoll tas-sewwieqa matul it-trasport tal-annimali. Ir-regoli li jirregolaw id-durata tat-trasport tal-annimali jenħtieġ li jallinjaw mal-qafas regolatorju dwar il-ħinijiet massimi tas-sewqan ta' kuljum għas-sewwieqa tat-trakkijiet, kif stabbilit fir-Regolament (KE) 561/2006. B'mod partikolari, il-ħin imqatta' għat-tagħbija u għall-ħatt jenħtieġ li jiġi ttrattat bħala sigħat tax-xogħol għas-sewwieq, aktar milli ħin ta' mistrieħ, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-limiti tal-ħin tas-sewqan u tiġi promossa s-sikurezza fit-toroq.

Or. en

Emenda 321
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(44) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97[24] jistabbilixxi rekwiżiti għall-postijiet ta' kontroll u dwar l-użu ta' dawn il-postijiet ta' kontroll fl-Unjoni. Sabiex jiżguraw li t-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi jikkonforma ma' dan ir-Regolament b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-perjodi ta' mistrieħ u l-kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni tal-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ, jenħtieġ li l-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jissodisfaw standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97.	(44) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97[24] jistabbilixxi rekwiżiti għall-postijiet ta' kontroll u dwar l-użu ta' dawn il-postijiet ta' kontroll fl-Unjoni. Sabiex jiżguraw li t-trasport ta' annimali mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi jikkonforma ma' dan ir-Regolament b'mod partikolari fir-rigward tal-ħinijiet tal-vjaġġ, il-perjodi ta' mistrieħ u l-kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni tal-annimali matul il-perjodi ta' mistrieħ, jenħtieġ li l-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jissodisfaw standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97. ***Madankollu, hemm nuqqas***

	ta' ġbir u rapportar koerenti tad-data minn pajjiżi terzi, li jikkomplika l-verifika tal-issodisfar ta' dawn ir-rekwiżiti.
[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1255/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 dwar kriterji tal-Komunità għal postijiet ta' waqfien u li jemenda l-pjan ta' rotta msemmi fl-Anness tad-Direttiva 91/628/EEC, ĠU L 174, 2.7.1997, p. 1–6.	[24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1255/97 tal-25 ta' Ġunju 1997 dwar kriterji tal-Komunità għal postijiet ta' waqfien u li jemenda l-pjan ta' rotta msemmi fl-Anness tad-Direttiva 91/628/EEC, ĠU L 174, 2.7.1997, p. 1–6.

Or. en

Emenda 322
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) L-operaturi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jew l-organizzaturi jistgħu jitolbu l-inklużjoni tagħhom f'lista li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni dment li juru konformità mar-rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għal dan l-għan, il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jistgħu jipprovdu prova taċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 minn korp ta' ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li l-lista ta' postijiet ta' kontroll approvati f'pajjiżi terzi tiġi adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 323

Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(45) L-operaturi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jew l-organizzaturi jistgħu jitolbu l-inklużjoni tagħhom f'lista li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni dment li juru konformità mar-rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għal dan l-għan, il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jistgħu jipprovdu prova taċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 minn korp ta' ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li l-lista ta' postijiet ta' kontroll approvati f'pajjiżi terzi tiġi adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ***ta' implimentazzjoni***.	(45) L-operaturi ta' postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jew l-organizzaturi jistgħu jitolbu l-inklużjoni tagħhom f'lista li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni dment li juru konformità mar-rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għar-regoli tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1255/97. Għal dan l-għan, il-postijiet ta' kontroll f'pajjiżi terzi jistgħu jipprovdu prova taċ-ċertifikazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti tal-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/97 minn korp ta' ċertifikazzjoni. Jenħtieġ li l-lista ta' postijiet ta' kontroll approvati f'pajjiżi terzi tiġi adottata mill-Kummissjoni permezz ta' atti ***delegati***.

Or. en

Emenda 324
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) ***Sabiex jiġi żgurat aħjar li l-postijiet*** ta' kontroll jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-annimali li jkunu qegħdin jistrieħu fil-bini tagħhom, ***jenħtieġ li dawn*** jiġu adattati għall-ispeċijiet u għall-kategoriji rilevanti. ***Jenħtieġ li tiġi stabbilita*** sistema ta' prenotazzjoni sabiex jiġi evitat dewmien jew prenotazzjonijiet eċċessi f'xulxin tal-postijiet ta' kontroll. Għalhekk, ***jenħtieġ li***	(46) ***Il-postijiet*** ta' kontroll ***jenħtieġ li*** jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-annimali li jkunu qegħdin jistrieħu fil-bini tagħhom, ***iżda ma jkunux*** adattati għall-ispeċijiet u għall-kategoriji rilevanti ***u ma jkun hemm l-ebda*** sistema ta' prenotazzjoni ***stabbilita*** sabiex jiġi evitat dewmien jew prenotazzjonijiet eċċessi f'xulxin tal-postijiet ta' kontroll. Għalhekk, ***sakemm ir-***

r-Regolament (KE) Nru 1255/97 jiġi emendat kif xieraq.	***Regolament*** (KE) Nru 1255/97 ***ma jiggarantixxix bis-sħiħ il-benesseri tal-annimali sal-post tad-destinazzjoni, it-trasport lejn pajjiżi terzi jenħtieġ li ma jkunx permess***.

Or. en

Emenda 325
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Sabiex jiġi żgurat aħjar li l-postijiet ta' kontroll jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-annimali li jkunu qegħdin jistrieħu fil-bini tagħhom, ***jenħtieġ li dawn jiġu adattati għall-ispeċijiet u għall-kategoriji rilevanti***. ***Jenħtieġ*** li tiġi stabbilita sistema ta' prenotazzjoni sabiex jiġi evitat dewmien jew prenotazzjonijiet eċċessi f'xulxin tal-postijiet ta' kontroll. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1255/97 jiġi emendat kif xieraq.	(46) Sabiex jiġi żgurat aħjar li l-postijiet ta' kontroll jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-annimali li jkunu qegħdin jistrieħu fil-bini tagħhom, ***huwa rrakkomandat*** li tiġi stabbilita sistema ta' prenotazzjoni sabiex jiġi evitat dewmien jew prenotazzjonijiet eċċessi f'xulxin tal-postijiet ta' kontroll. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1255/97 jiġi emendat kif xieraq.

Or. en

Emenda 326
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Alexander Bernhuber, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(46) Sabiex jiġi żgurat aħjar li l-postijiet ta' kontroll jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-annimali li jkunu qegħdin jistrieħu fil-bini	(46) Sabiex jiġi żgurat aħjar li l-postijiet ta' kontroll jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-annimali li jkunu qegħdin jistrieħu fil-bini

tagħhom***, jenħtieġ li dawn jiġu adattati għall-ispeċijiet u għall-kategoriji rilevanti***. ***Jenħtieġ*** li tiġi stabbilita sistema ta' prenotazzjoni sabiex jiġi evitat dewmien jew prenotazzjonijiet eċċessi f'xulxin tal-postijiet ta' kontroll. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1255/97 jiġi emendat kif xieraq.

tagħhom. ***Għalhekk, huwa rrakkomandat*** li tiġi stabbilita sistema ta' prenotazzjoni sabiex jiġi evitat dewmien jew prenotazzjonijiet eċċessi f'xulxin tal-postijiet ta' kontroll. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1255/97 jiġi emendat kif xieraq.

Or. en

Emenda 327
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(47) L-esperjenza turi li d-dežinjazzjoni ta' punt ta' ħruġ fl-Unjoni hija importanti sabiex jiġi żgurat it-trasport bla xkiel ta' annimali ħajjin mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-annimali jitilqu mill-Unjoni permezz ta' punti ta' ħruġ dežinjati li jissodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji għall-kontrolli tal-benesseri tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2017/625[25] u li jkunu kapaċi jiżguraw komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet tat-tluq, fiċ-ċentri ta' assemblaġġ, fil-postijiet ta' kontroll u fl-istabbilimenti ta' destinazzjoni f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jirreġistraw dawn id-dežinjazzjonijiet fi TRACES.	(47) L-esperjenza turi li d-dežinjazzjoni ta' punt ta' ħruġ fl-Unjoni hija importanti sabiex jiġi żgurat it-trasport bla xkiel ta' annimali ħajjin mill-Unjoni lejn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-annimali jitilqu mill-Unjoni permezz ta' punti ta' ħruġ dežinjati li jissodisfaw ir-rekwiżiti neċessarji għall-kontrolli tal-benesseri tal-annimali kif imsemmi fl-Artikolu 21(2), il-punt (c) tar-Regolament (UE) 2017/625[25] u li jkunu kapaċi jiżguraw komunikazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fil-postijiet tat-tluq, fiċ-ċentri ta' assemblaġġ, fil-postijiet ta' kontroll u fl-istabbilimenti ta' destinazzjoni f'dan ir-rigward. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jirreġistraw dawn id-dežinjazzjonijiet fi TRACES. ***Barra minn hekk, il-punti ta' ħruġ jenħtieġ li jkollhom faċilitajiet adegwati f'termini ta' tagħmir għat-tagħbija u għall-ħatt, ta' pavimentar li ma jiżloqx, ta' dawl xieraq u ta' alloġġ sabiex l-annimali jiġu protetti minn kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, u ta' dispożizzjonijiet għat-tmigħ, għat-tisqija u għall-annimali li jistrieħu, u l-faċilitajiet jenħtieġ li jkollhom żoni ta' iżolament għal annimali morda jew midruba, u***

	jimplimentaw protokolli ta' tindif u dižinfezzjoni għall-vetturi u ż-żoni ta' stennija.
[25] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1–142	[25] Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1–142

Or. en

Emenda 328
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Premessa 47a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(47a) Fir-rigward tal-qsim tal-fruntieri lejn pajjiżi terzi, jenħtieġ li jiġu stabbiliti korsiji rapidi biex jiġi żgurat ipproċessar bla xkiel u f'waqtu ta' vetturi għat-

trasport ta' annimali ħajjin.

Or. en

Emenda 329
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-esperjenza wriet ***li hemm riskju*** li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan ***jista' jaffettwa l-benesseri*** tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq ***japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali***. ***Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.***	(48) L-esperjenza wriet li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati ***lejn pajjiżi terzi bl-art u*** bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jaffettwa ***serjament il-benesseri*** tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq ***ma japprovawx dawn il-vjaġġi***.

Or. en

Emenda 330
Arash Saeidi

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati ***bil-baħar*** jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-	(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati ***f'pajjiżi terzi*** jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-

destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin ***bil-baħar*** iffirmata mill-awtorità kompetenti ***tal-port*** tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.

destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin***,*** iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.

Or. fr

Emenda 331
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar ***iffirmata*** mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.	(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar***, bit-triq jew bil-ferrovija*** jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa ***jew garanziji ta' aċċettazzjoni mid-destinatarju***. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar***, bit-triq jew bil-ferrovija ffirmata*** mill-awtorità kompetenti tal-port ***tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali u l-***

amministrazzjoni veterinarja tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.

Or. en

Emenda 332
Maria Noichl, Marianne Vind

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar ***iffirmata*** mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.	(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar ***jew bit-triq*** jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar ***jew bit-triq*** iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. ***Garanzija ta' aċċettazzjoni mill-konsenjatarju hija essenzjali għat-trasport lejn pajjiżi terzi, inkluża garanzija li l-annimali ma jiġux imblukkati fuq fruntiera esterna tal-UE.*** Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.

Or. en

Emenda 333
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.	(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati ***bit-triq jew*** bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin ***bit-triq jew*** bil-baħar iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.

Or. en

Emenda 334
Michal Wiezik

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss	(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati ***bl-art u*** bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss

meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.	meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-port tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.

Or. en

Emenda 335
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar iffirmata mill-awtorità kompetenti ***tal-port*** tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.	(48) L-esperjenza wriet li hemm riskju li l-kunsinni ta' annimali ttrasportati bil-baħar ***jew bit-triq*** jistgħu jiġu rrifjutati mill-pajjiż tad-destinazzjoni fuq il-bażi tad-dokumenti ppreżentati, pereżempju, ċertifikati tas-saħħa. F'ċerti każijiet, dan jista' jaffettwa l-benesseri tal-annimali, peress li ma jkunux jistgħu jiġu rritornati fil-post tat-tluq għal raġunijiet ta' saħħa tal-annimali. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-post tat-tluq japprovaw ġurnal tal-vjaġġ biss meta l-operaturi jipprovdulhom attestazzjoni ta' aċċettazzjoni tad-dokumentazzjoni għat-trasport internazzjonali ta' annimali ħajjin bil-baħar ***jew bit-triq*** iffirmata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tad-destinazzjoni finali. Għaldaqstant, xieraq li jiġi stabbilit mudell ta' attestazzjoni.

Or. en

Emenda 336
Michal Wiezik, Valérie Hayer, Benoit Cassart, Valérie Devaux

Proposta għal regolament
Premessa 48a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(48a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-annimali u għall-oġġetti prodotti minn annimali mqiegħda fis-suq tal-UE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tagħmel użu mis-setgħa prevista fl-Artikolu 126 tar-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali, u speċjalment il-paragrafu 2(c) tiegħu, biex tinkludi l-elementi kollha dwar il-protezzjoni tal-annimali matul it-trasport fl-ambitu tal-kontrolli u taċ-ċertifikati tal-importazzjonijiet.

Or. en

Emenda 337
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. ***Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni*** konsistenti ***u effettiva ta' dan ir-Regolament*** madwar l-Unjoni***, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti***	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati ***b'mod*** konsistenti madwar l-Unjoni. Ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju ***biex jiġi skoraġġut in-nuqqas ta' konformità u jissaħħaħ*** l-infurzar.

għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju***. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb*** l-infurzar ***tar-Regolament***.

Or. en

Emenda 338
Mireia Borrás Pabón, Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. ***Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-***	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri.

infurzar tar-Regolament.

Or. en

Emenda 339
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Krzysztof Hetman, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. ***Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn.*** Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.

Or. en

Emenda 340
Anja Hazekamp, Sebastian Everding, Emma Fourreau

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 49 ta' dan ir-regolament, sabiex tiżviluppa sistema ta' ksur armonizzata tal-UE li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri kull darba li jiġi identifikat ksur.*** Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. ***Jenħtieġ li jitqiesu wkoll il-benefiċċji finanzjarji miksuba minħabba l-ksur, u kwalunkwe fattur aggravanti jew mitiganti ieħor applikabbli għaċ-ċirkostanzi tal-każ.*** Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.

Or. en

Emenda 341

Maria Noichl, Marianne Vind, Annalisa Corrado

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. ***Il-Kummissjoni Ewropea jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 49 ta' dan ir-regolament, sabiex tiżviluppa sistema ta' ksur armonizzata tal-UE li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri kull darba li jiġi identifikat ksur.*** Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.

Or. en

Emenda 342
Michal Wiezik

Proposta għal regolament

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament. ***Sabiex jiġi pprevenut l-evitar ta' ċerti Stati Membri abbażi ta' severità differenti tal-penali imposti, jenħtieġ li l-Istati Membri japplikaw sistema armonizzata ta' ksur tal-UE.***

Or. en

Emenda 343
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji ***fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn***. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. ***Sabiex tiġi żgurata d-deterrenza tas-sanzjonijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw sistema li biha tiġi imposta penali finanzjarja li tiġi kkalkolata bħala mill-inqas 10 % tal-fatturat tal-operatur li jinżamm responsabbli għall-ksur.*** Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.

Or. en

Emenda 344
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu	(49) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u jiżguraw li dawn jiġu

applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali ***u li jiġu stabbiliti livelli minimi ta' penali finanzjarji fir-rigward tal-valur tal-kunsinni tal-annimali f'każijiet bħal dawn***. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.	applikati. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti u effettiva ta' dan ir-Regolament madwar l-Unjoni, huwa neċessarju li jiġu evitati livelli differenti ta' infurzar u li s-severità differenti tal-penali applikati għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament fi Stati Membri differenti twassal sabiex l-operazzjonijiet tat-trasport jiġu ppjanati f'konformità mal-anqas severità tal-penali imposti f'ċerti Stati Membri. Huwa xieraq li jiġi identifikat dak il-ksur ta' dan ir-Regolament li jikkawża riskji sinifikanti għall-benesseri tal-annimali. Il-grad ta' frekwenza tal-okkorrenza tal-ksur jenħtieġ li jkun ukoll fattur u ksur ripetut jenħtieġ li jitqies bħala aktar serju. Dan jenħtieġ li jiskoraġġixxi ksur fil-futur u jtejjeb l-infurzar tar-Regolament.

Or. en

Emenda 345
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali wera diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fit-titjib tal-benesseri tal-annimali minħabba n-nuqqas ta' indikaturi previsti f'dak ir-Regolament. Huwa xieraq li tinħoloq sistema ta' monitoraġġ tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 346
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali wera diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fit-titjib tal-benesseri tal-annimali minħabba n-nuqqas ta' indikaturi previsti f'dak ir-Regolament. Huwa xieraq li tinħoloq sistema ta' monitoraġġ tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 347
Borja Giménez Larraz, Laurent Castillo, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali wera diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fit-titjib tal-benesseri tal-annimali minħabba n-nuqqas ta' indikaturi previsti f'dak ir-Regolament. Huwa xieraq li tinħoloq sistema ta' monitoraġġ tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 348
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali wera diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fit-titjib tal-benesseri tal-annimali minħabba n-nuqqas ta' indikaturi previsti f'dak ir-Regolament. Huwa xieraq li tinħoloq sistema ta' monitoraġġ tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 349
Tilly Metz, Thomas Waitz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(50) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali wera diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fit-titjib tal-benesseri tal-annimali minħabba n-nuqqas ta' indikaturi previsti f'dak ir-Regolament. Huwa xieraq li tinħoloq sistema ta' monitoraġġ tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali.	(50) Il-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-benesseri tal-annimali wera diffikultajiet fil-valutazzjoni tal-effettività tar-Regolament (KE) Nru 1/2005 fit-titjib tal-benesseri tal-annimali minħabba n-nuqqas ta' indikaturi previsti f'dak ir-Regolament. Huwa xieraq li tinħoloq sistema ta' monitoraġġ tal-indikaturi tal-benesseri tal-annimali***, il-kwalità tal-arja interna u l-kundizzjonijiet tal-iġjene interna***.

Or. en

Emenda 350
Valérie Deloge, Marie Dauchy, Tomáš Kubín, Julien Leonardelli, Barbara Bonte, Gilles Pennelle, Raffaele Stancanelli, Mireia Borrás Pabón

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 351
Waldemar Buda, Anna Zalewska, Kosma Złotowski, Beata Szydło

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.	***imħassar***

Or. en

Emenda 352
Salvatore De Meo, Flavio Tosi

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' ***indikaturi*** tal-benesseri ***tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom***. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar ***l-indikaturi*** tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.	(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' ***valutazzjoni fil-qosor tal-istat*** tal-benesseri ***magħmula mir-riċevitur***. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data ***dwar il-valutazzjoni fil-qosor*** tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.

Or. it

Emenda 353
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Borja Giménez Larraz, Carmen Crespo Díaz, Elena Nevado del Campo, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta	(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta

jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti ***u għall-Kummissjoni fi TRACES***.	jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti ***f'format armonizzat fil-livell tal-UE***.

Or. en

Emenda 354
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.	(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi ***tal-annimali*** jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi ***tal-annimali*** jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll***, meta jkun applikabbli,*** għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES ***f'format armonizzat fil-livell tal-UE, wara l-anonimizzazzjoni tad-data personali u kummerċjali sensittiva tal-kumpanija***.

Or. en

Emenda 355
Ivan David

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.	(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES ***fuq talba lill-awtoritajiet kompetenti u f'format anonimizzat lill-Kummissjoni***.

Or. en

Emenda 356
Asger Christensen, Benoit Cassart, Valérie Devaux, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Emma Wiesner, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.	(51) Jenħtieġ li t-trasportaturi u l-indokraturi ***tal-annimali*** jkunu meħtieġa jiġbru data abbażi ta' indikaturi tal-benesseri tal-annimali rilevanti għall-attivitajiet tat-trasport tagħhom. L-analiżi tad-data tippermetti lit-trasportaturi u lill-indokraturi ***tal-annimali*** jidentifikaw in-nuqqasijiet fir-rigward tal-benesseri tal-annimali u jistabbilixxu miżuri korrettivi xierqa meta jkunu meħtieġa. Jenħtieġ li d-data dwar l-indikaturi tkun disponibbli wkoll għall-awtoritajiet kompetenti u għall-Kummissjoni fi TRACES.

Or. en

Emenda 357

Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Sabiex jiġu aġġornati r-regoli tekniċi fil-Kapitoli I, II, V u VII tal-Anness I u l-Anness II, sabiex dawn ir-regoli jiġu allinjati mal-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku meta dawn ikunu disponibbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, ta' atti sabiex jiġu aġġornati l-mudell tal-ġurnal tal-vjaġġi fl-Anness III u l-mudell tal-attestazzjoni fl-Anness IV tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	***imħassar***

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14

Emenda 358
Benoit Cassart, Asger Christensen, Valérie Devaux, Christine Singer, Valérie Hayer, Hilde Vautmans, Urmas Paet, Jan-Christoph Oetjen, Barry Cowen, Cynthia Ní Mhurchú, Elsi Katainen, Charles Goerens

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Sabiex jiġu aġġornati r-regoli tekniċi fil-Kapitoli I, II, V u VII tal-Anness I u l-Anness II, sabiex dawn ir-regoli jiġu allinjati mal-aħħar għarfien xjentifiku ***u*** tekniku meta dawn ikunu disponibbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, ta' atti sabiex jiġu aġġornati l-mudell tal-ġurnal tal-vjaġġi fl-Anness III u l-mudell tal-attestazzjoni fl-Anness IV tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.	(52) Sabiex jiġu aġġornati r-regoli tekniċi fil-Kapitoli I, II, V u VII tal-Anness I u l-Anness II, sabiex dawn ir-regoli jiġu allinjati mal-aħħar għarfien xjentifiku***,*** tekniku ***u verifikabbli u mal-esperjenza prattika*** meta dawn ikunu disponibbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, ta' atti sabiex jiġu aġġornati l-mudell tal-ġurnal tal-vjaġġi fl-Anness III u l-mudell tal-attestazzjoni fl-Anness IV tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni xierqa ***mal-partijiet ikkonċernati rilevanti*** matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14

Or. en

Emenda 359
Daniel Buda, Gheorghe Falcă, Paulo Do Nascimento Cabral, Flavio Tosi, Jessika Van Leeuwen, Sander Smit, Céline Imart

Proposta għal regolament
Premessa 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(52) Sabiex jiġu aġġornati r-regoli tekniċi fil-Kapitoli I***, II, V u VII*** tal-Anness I u l-Anness II, sabiex dawn ir-regoli jiġu allinjati mal-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku meta dawn ikunu disponibbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, ta' atti sabiex jiġu aġġornati l-mudell tal-ġurnal tal-vjaġġi fl-Anness III u l-mudell tal-attestazzjoni fl-Anness IV tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi	(52) Sabiex jiġu aġġornati r-regoli tekniċi fil-Kapitoli I ***u II*** tal-Anness I u l-Anness II, sabiex dawn ir-regoli jiġu allinjati mal-aħħar għarfien xjentifiku u tekniku meta dawn ikunu disponibbli, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li s-setgħa ta' adozzjoni, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE, ta' atti sabiex jiġu aġġornati l-mudell tal-ġurnal tal-vjaġġi fl-Anness III u l-mudell tal-attestazzjoni fl-Anness IV tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjoni xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet[26]. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċivuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-

tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14

tħejjija ta' atti delegati.

[26] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14

Or. en

Emenda 360
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato

Proposta għal regolament
Premessa 52a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(52a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-aġġornament tal-mudell tal-iskeda tar-rekords stabbilit fl-Anness III u tal-mudell taċ-ċertifikat stabbilit fl-Anness IV, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat delegati. Dawn is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE.

Or. en

Emenda 361
Borja Giménez Larraz, Jens Gieseke, Dariusz Joński, Sérgio Humberto, Flavio Tosi, Elena Nevado del Campo, Esther Herranz García, Carmen Crespo Díaz, Gabriel Mato, Daniel Buda

Proposta għal regolament
Premessa 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(53) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet	(53) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet

